# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 322/2020 MH**

**Illum, 19 ta' Novembru, 2021**

**Dr. Andre' Borg nomine (K.I. Nru 141883M) bħala mandatarju speċjali ta' Evangelos Tsoutsas (K.I. Griega bin-numru AH153089)**

**vs**

**Elbros Construction Limited (C-10925)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur noe tal-21 ta' Mejju 2020** permezz ta' liema ppremetta u talab -

*"Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

*1. Illi Evangelos Tsoutsas kien impjegat tas-soċjeta Elbros Construction Limited permezz ta' kuntratt definit tax-xogħol għall-perjodu 5 ta' Marzu, 2018 sal-aħħar ta' Marzu, 2021, [vide: Dok: A hawn anness].*

2. *Illi mingħajr ebda preavviż, abbużivament u illegalment, permezz ta' korrispondenza elettronika datata il-11 ta' Marzu 2020 [vide: Dok: B hawn anness] ir-rikorrent ġie mgħarraf illi l-impjieg tiegħu kien qed jigi tterminat b'effett immedjat għal dak li s-soċjetà konvenuta qalet li kienu raġunijiet validi biex jiġi tterminat l-impjieg. Ġie allegat mis-soċjetà konvenuta illi għandhom "proof that you are not acting in the best interests of the Company" u dan, skont is-soċjetà konvenuta wara l-"various requests made by the Company during your course of employment." Illi din ir-raġuni ma għandhiex mill-verità kif se jiġi pprovat waqt il-kawża.*

3. *Illi r-rikorrent qatt ma ġie mwissi bl-ebda warning la verbali u anqas bil-miktub jew affaċjat b'xi proċess ta' dixxiplina kontra tiegħu, iżda għall-kuntrarju, xogħlu dejjem kien imfaħħar.*

4. *Illi dan ifisser illi s-soċjetà konvenuta, qua prinċipal, kisret il-kuntratt tax-xogħol mar-rikorrent u kwindi, ai termini tal-Artikolu 36(11) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà konvenuta trid tħallas lir-rikorrent nofs il-paga li kien jipperċepixxi r-rikorrent fil-perjodu rimanenti tal-kuntratt li kieku dan ma ġiex itterminat.*

5. *Illi nofs il-paga li kien jipperċepixxi r-rikorrent li kieku s-soċjetà konvenuta ma kisritx il-kuntratt u tterminatlu l-impjieg ħesrem jammonta għal ħmistax-il elf, mitejn u erbgħa u ħamsin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmi (€15,254.79), liema ammont jirrappreżenta nofs il-paga pro-rata mit-12 ta' Marzu, 2020 sal-aħħar tal-kuntratt tal-impjieg (31 ta' Marzu, 2020), u dan kif ikkalkolat fuq is-salarju annwali (gross) ta' disgħa u għoxrin elf Ewro (€29,000) jew somma oħra verjuri li tista' tiġi likwidata fil-kors tal-proċeduri.*

*6. Illi r-rikorrent ġie mtellef mill-bonus / allowances statutorji għax-xhur ta' Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru 2020 u kif ukoll għal Marzu, 2021, li flimkien jammontaw għal sitt mija u tlieta u tletin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€633.68).*

*7. Illi permezz tal-iskrittura privata datata is-27 ta' Settembru, 2019 [vide: Dok: C hawn anness], iffirmata mir-rikorrent u minn rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, ir-rikorrent kien intitolat għal erbat elef Ewro (€4000) f'kumpens bħala allowance għal xogħol li sar b'effiċjenza u fil-ħin propost mis-soċjetà konvenuta.*

*8. Illi r-rikorrent kien fadallu 22 jum ta' vacation leave għas-sena 2020, li flimkien man-numru ta' ġranet pro rata tas-sena 2021 jamontaw għall-28 ġurnata u nofs u li għalhekk, meta ikkalkolati fuq is-salarju gross tal-esponent, jammontaw għal elfejn, mitejn u erbgħa u sittin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€2,264.28).*

*9. Illi stante n-nuqqas ta' preavviż, ir-rikorrent kien laħaq ħallas tlett mija u erbgħa u għoxrin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€324.50) f'Agency fees minħabba li kellu jirreloka f'appartament ġdid u tilef ukoll l-ammont ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) f'depożitu stante li ma jistax jirrikavah. [vide: kuntratt ta' kera datat l-1 ta' Marzu, 2020, hawn anness u mmarkat bħala Dok: D].*

*10. Illi permezz tal-Ittra Ufficjali datata 13 ta' Marzu, 2020 ir-rikorrent interpella lis-soċjetà konvenuta sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti u għall-ħlas tar-rimanenti pagi, salarji, bonuses, allowances, u leave akkumulat, iżda din baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*11. Bl-ispejjeż tal-Ittra Uffiċjali li jammontaw għal tmienja u ħamsin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€58.34) [vide: Ittra Uffiċjali u taxxa hawn annessa u mmarkata bħala Dok: E]*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha sabiex prevja kull dikjarazzjoni li tħoss opportuna u neċessarja:*

*1. Tiddikjara illi is-soċjetà konvenuta kisret il-kuntratt definit tax-xogħol tar-rikorrent u kwindi hija responsabbli, skont il-liġi, sabiex tħallas nofs il-paga illi r-rikorrent kien jipperċepixxi li kieku dan ma sarx u l-kuntratt ġie maħdum kollu.*

*2. Tiddikjara illi bl-aġir illegali u abbużiv tas-soċjetà konvenuta, hija ikkawżat u għadha qed tikkawża danni lir-rikorrent, mhux lanqas f'telf ta' introjtu, paga, allowances u oħrajn.*

*3. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrent, kemm danni attwali u konsistenti f'telf ta' introjtu u qligħ u kif ukoll dawk futuri, stante li jinsab bla impjieg; u jekk hemm bżonn, okkorrendo l-ħatra ta' perit komputista.*

*4. Tillikwida dik is-somma in linea mat-talbiet premessi.*

*5. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lir-rikorrent is-somma kif likwidata.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra li tista' tispetta lir-rikorrent u bl-imgħax bl-ogħla rata permissibbli bil-liġi mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg sad-data tal-ħlas effettiv."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta tat-28 t'Awwissu 2020** permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet[1] -

*"Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha, Annabelle Ellul, detentriċi tal-karta tal-identita' 522075M tikkonferma;*

*1. Illi preliminarjament is-soċjeta esponenti teċċepixxi li r-rikorrent nomine naqas milli jippreżenta d-dokument li juri id-dritt li jisitwixxi l-proċeduri odjerni f'isem Tsoustas ;*

*2. Illi ulterjorment, ma nġiebet ebda prova li Evangelos Tsoutsas huwa jew f'xi ħin kien assenti minn Malta;*

*3. Illi in via preliminari ukoll, l-esponent jeċċepixxi illi l-attur għandu jiċċara taħt liema artikolu tal-liġi qed isejjes l-azzjoni tiegħu ħalli b'hekk l-esponenti tkun f'qagħda aħjar li tkun tista' twieġeb għal din il-kawża. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħda tirriżerva u żżomm sħiħ id-dritt tagħha li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li l-attur nomine jindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi huwa qiegħed iressaq il-proċeduri istanti;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u f'każ li l-azzjoni hi bbażata fuq l-artikolu 36(11) tal-Kap 452, li ssir riferenza għalieh fir-raba (4) paragrafu tar-rikors promotur, l-esponenti teċċepixxi bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti mhix il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi il-kwistjoni stante illi l-imsemmi artikolu jaqa taħt Titolu I tal-Kap 452 u artikolu 75 tal-istess Kap jipprovdi illi "Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkun-sidra u jiddeċiedi - (b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-*

[1] Fol 21 et seq

*ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,";*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom għar-raġunijiet hawn taħt imsemmija;*

6. *Illi jeżistu raġunijiet gravi u serji li ssollecitaw l-azzjoni tas-soċjetà esponenti u cioe l-fatt li l-attur naqas ripetutament mil-li jonora l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt u għaldaqstant dan jikkostitwixxi biċ-ċar illi l-attur ma kienx qed jaġixxi fl-aħjar interess tal-kumpanija u għaldaqstant jeżistu raġunijiet validi sabiex il-kuntratt jiġi tterminat mis-soċjeta konvenuta u dan kif se jiġi ampjament ippruvat tul dawn il-proċeduri;*

7. *Illi b'dan l-attur kien ukoll infurmat permezz tal-ittra uffiċjali 1346/2020; (annessa u mmarkata Dok EC1)*

8. *Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-impjieg tal-attur fil-kariga ta' Construction Manager jirrikjedi element b'saħħtu ta' fiduċja u għaldaqstant ġialadarba din il-fiduċja ink-isret minħabba l-aġir irresponsabbli tal-attur, il-pożizzjoni tal-attur ma baqgħatx aktar tenibbli;*

9. *Illi mhux minnu illi l-attur ma kienx imwissi bin-nuqqasijet tiegħu stante li kien imwissi diversi drabi u dan kif ukoll se jiġi ippruvat tul dawn il-proċeduri;*

10. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjeta intimata mhix obbligata skont il-kuntratt illi tagħti xi pre-avviż għal terminazzjoni tal-impjieg u dan ai termini tal-klawżola numru 11.1;*

11. *Illi ai termini tal-klawżola numru 11.2, l-attur ma għandu dritt għall-ebda kumpens f'każ ta' terminazzjoni ai termini ta' klawżola numru 11.1 tal-kuntratt, kif seħħ fis-sitwazzjoni odjerna;*

12. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjeta esponenti teċċepixxi illi l-liġi f'artikolu 36(11) tal-Kap 452 titkellem biss dwar nofs il-paga, li tfisser "paga li titħallas lil persuna impjegata minn jew f'isem il-prinċipal, esklużi kull rimunerazzjoni għal sahra, kull forma ta' bonus, kull allowance, u*

*rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus" u għal-daqstant fi kwalunkwe każ, il-vacation leave, bonuses statutor-ji u l-€4,000 allowance mhux dovuti mis-soċjeta attriċi, anke stante kif dan tal-aħħar kellu jitħallas jekk ix-xogħol jitlesta sal-14 ta' Ottubru 2020 u f'dan il-każ mhux talli x-xogħol ma tlestiex sad-data msemmija, talli sa ħafna qabel l-imsemmija data l-azzjonijiet tal-attur taw bażi għat-terminazzjoni li seħħet;*

*13. Illi mhux talli ebda ammont mhu dovut mis soċjetà esponenti talli huwa l-attur li huwa debitur tas-soċjetà esponenti minħabba ksur ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali rizultanti mill istess kuntratt ta' impjieg, u ghalhekk l-esponenti qiegħdha umilment tressaq il-kontro talba taghha.*

*14. Salv eċċezjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li min issa huma inġunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat **il-kontro-talba ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti tat-28 t'Awwissu 2020**[2] permezz ta' liema ġie premess u ntalab –

*Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha, Annabelle Ellul, dententriċi tal-karta tal-identita' 522075M tikkonferma;*

1. *Illi s-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti Elbros Construction Limited tixtieq tipprevalixxi ruħha mid-dritt li tippreżenta kontro-talba fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat ai termini tal-Artikoli 396 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi s-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti kellha fis-seħħ kuntratt t'impjieg mal-attur rikonvenzjonat sabiex iwettaq xogħol ta' Construction Manager u jwettaq l-obbligi kuntrattwali bi professjonalita', lealta' u fl-aħjar interess tal-kumpanija; (kuntratt anness u mmarkat 'Dok EC2');*

[2] Fol 29 et seq

3. *Illi l-attur rikonvenzjonat naqas milli jwettaq uħud mill-obbligi kuntrattwali u dan minkejja li ripetutament ġie mwissi mis-soċjeta' rikonvenzjonanti sabiex jaderixxi ma' dawn l-istess obbligi;*

4. *Illi l-istess attur rikonvenzjonat saħansitra ma tfaċċax għax-xogħol f'xi ġranet mingħajr ma talab permess u dan flimkien ma' nuqqasijiet oħra li se jiġu ippruvati tul dawn il-proċeduri, wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu;*

5. *Illi għalhekk, is-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti għandha raġunijiet validi u suffiċjenti fil-liġi u anke ai termini tal-kuntratt tal-impjieg, sabiex tittermina l-impjieg tal-attur rikonvenzjonat u dan kif sejjer jiġi ppruvat aħjar waqt il-proċeduri odjerni;*

6. *Illi peress li din it-terminazzjoni saret unikament kawża tal-aġir tal-attur rikonvenzjonat għandu ikun hu li jħallas lis-soċjeta' rikonvenzjonanti nofs il-paga għall-perjodu rimanenti mill-kuntratt u dan hekk kif l-atteġjament tiegħu jikkumpara ma' sitwazzjoni t'impjegat li telaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu;*

7. *Illi din it-terminazzjoni seħħet għar-raġunijiet unikament attribwibbli għall-attur rikonvenzjonat u din it-terminazzjoni kkawżat danni lill-istess soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanta u dan kif sejjer jiġi ppruvat aħjar waqt il-proċeduri odjerni;*

*Illi għaldaqstant is-soċjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jekk joġgħobha:*

1. *Tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat huwa unikament responsabbli għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonata;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-attur rikonvenzjonat huwa unikament responsabbli għad-danni kollha subiti mis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u dan minħabba l-aġir tal-istess attur rikonvenzjonat;*

3. *Tillikwida d-danni hekk sofferiti mis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti okkorendo n-nomina ta' periti u esperti nominandi jekk ikun il-każ;*

4. *Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat huwa responsabbli u għandu jħallas nofs il-paga għall-perjodu rimanenti mill-kuntratt tal-impjieg;*

5. *Tillikwida l-ammont ta' nofs il-paga għall-perjodu rimanenti mill-kuntratt tal-impjieg okkorendo n-nomina ta' periti u esperti nominandi jekk ikun fil-każ;*

6. *Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas lis-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti dawk id-danni u s-salarju hekk likwidati ai termini tat-tielet u l-ħames talba;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mal-kontro-talba.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenzjonat tat-22 ta' Settembru 2020** permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet[3] -

Jeċċepixxi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma l-Avukat Andre' Borg nomine (kif debitament awtorizzat jirrappreżenta lir-rikorrent rikonvenzjonat):

1. Illi primarjament u mingħajr preġudizzju għas-segwenti, jiġi eċċepit kif huwa inawdit kif filwaqt li s-soċjeta' konvenuta tinsinwa li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' l-każ odjern, fl-istess waqt, tipprevalixxi ruħha mid-dritt li tippreżenta konto talba fil-konfront tar-rikorrent fl-istess proċeduri li hi stess qiegħda fundamentalment tattakka.

2. Illi r-rikorrent rikonvenzjonat jirrespinġi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali kollha u dan għar-raġunijiet li se jiġu spjegati aħjar fil-mori.

3. Illi r-rikorrent rikonvenzjonat jirrespinġi l-allegazzjonijiet li huwa naqas milli jwettaq uħud mill-obbligi kuntrattwali bil-qawwa kollha, għaliex fil-

[3] Fol 40 et seq

fatt kien bil-kontra: kienet is-soċjeta' konvenuta li naqset li twettaq tali obbligazzjonijiet u li kisret ftehim kuntrattwali mingħajr ebda preavviż, bl-aktar mod sfiq u lampanti u mingħajr raġuni valida fil-liġi.

4. Illi r-rikorrent rikonvenzjonat impjegat qatt ma rċieva 'warning' la bil-miktub, u lanqas b'mod verbali, la trivjali u wisq anqas formali. Altru minn hekk, ix-xogħol tiegħu dejjem kien imfaħħar mill-klijenti tas-soċjeta' konvenuta u qatt ma ġie infurmat bl-ebda mod, li l-imġieba tiegħu ma kinitx kif mistenni jew li kien qed jikserxi obbligu kuntrattwali.

5. Illi r-rikorrent rikonvenzjonat onora l-kuntratt tal-impjieg li kellu mas-soċjeta' konvenuta in toto u kien saħansitra strumentali fis-suċċess ta' diversi proġetti.

6. Illi r-rikorrent rikonvenzjonat jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet *Antoinette Vella vs CareMalta Limited*[1], kif ukoll għal *Joseph Żammit vs Jonathan Callus Eżerċenti l-Kummerċ bħala Callus Landscaping & Gardening*[2], fejn ġie ddikjarat li t-tkeċċija t'impjegat ma tistax tiġi bbażata fuq fatti ġustifikati jekk l-istess impjegat ma ġiex notifikat bin-nuqqasijiet tiegħu qabel ma tkeċċa. Aktar minn hekk, it-Tribunal ressaq il-punt li dan ifisser li l-impjegat għandu jiġi mwissi iktar minn darba sabiex jirranġa l-imġieba tiegħu. Fil-każ odjern lanqas darba ma ġara hekk.

7. Illi m'huwiex minnu li r-rikorrent rikonvenzjonat ġieli ma tfaċċax għax-xogħol mingħajr permess jew mingħajr raġuni. Li kieku ġara hekk, l-istess impjegat kellu jirċievi xi telefonata jew avviż ieħor mingħand is-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti wisq iktar jekk dan ġara diversi drabi kif qiegħda tallega l-konvenuta, iżda dan ma sarx.

8. Illi b'hekk is-soċjeta' konvenuta ma tistax tgħid illi għandha raġunijiet validi u suffiċjenti sabiex tittermina l-kuntratt tar-rikorrent rikonvenzjonat abbażi tal-fatti allegati fir- rikonvenzjoni u għalhekk ir-rikorrent rikonvenzjonat qatt ma jista' jinżamm responsabbli t'ebda danni, u dan ukoll għaliex ir-rikorrent rikonvenzjonat onora l-obbligi kuntrattwali tiegħu kollha.

9. Illi fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' intimata għandha tressaq provi konkreti sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha li m'huma xejn għajr

reazzjonali bl-intiż li tgħatti l-illegalita' tagħha li tittermina kuntratt li kellu kull obbligu tonora.

10. Illi b'hekk it-talbiet rikonvenzjonali għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa hija inġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta marbuta mal-kompetenza tal-Qorti sabiex tisma' l-każ.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza preliminari dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur intavola l-proċeduri odjerni sabiex jitlob lill-Qorti tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta kisret il-kuntratt definit tax-xogħol tiegħu u kwindi, skont il-liġi, hija għandha titqies responsabbli għall-ħlas ta' nofs il-paga li huwa kien jirċievi li kieku tħalla fl-impjieg sa għeluq il-kuntratt. Inoltre huwa talab lill-Qorti tiddikjara li bl-aġir illegali u abbużiv tagħha s-soċjeta' konvenuta kkawżatlu u għadha qed tikkawżalu danni inkluż telf ta' paga u *allowances* u għalhekk talab il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' tali danni.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta tirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fl-ewwel lok u fost eċċezzjonijiet oħra ta' natura preliminari hija ressqet eċċezzjoni li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza li

tisma' l-każ odjern stante li l-mertu tal-proċeduri jaqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Subordinament u fil-mertu hija ssostni li jeżistu raġunjiet serji li wassluha biex tieħu d-deċiżjoni drastika tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur stante li allegatament huwa ripetutament naqas milli jonora l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt u ma aġixxiex fl-aħjar interess tal-kumpanija. Huwa mhux biss kien imwissi diversi drabi dwar in-nuqqasijiet tiegħu iżda fi kwalunkwe każ ai termini tal-klawsola 11.1 tal-kuntratt ta' mpjieg is-soċjeta' konvenuta ssostni li ma kinitx obbligata li tagħti pre-avviż għat-terminazzjoni tal-impjieg u l-attur m'għandu ebda dritt li jiġi kumpensat.

Is-soċjeta' konvenuta pprevalixxiet ruħha mit-talbiet tal-attur u ppreżentat kontro-talba kontestwalment mar-risposta ġuramentata tagħha. Hija talbet lill-Qorti tiddikjara li l-attur huwa unikament responsabbli għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn magħha u għalhekk huwa għandu jagħmel tajjeb għad-danni kollha subiti minnha. Hija talbet il-likwidazzjoni u ħlas ta' tali danni u l-ħlas ta' nofs il-paga għall-perjodu rimanenti sat-tmiem tal-kuntratt.

L-attur rikonvenzjonat laqa' għal din il-kontro-talba billi ċaħad l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-soċjeta' konvenuta  rikonvenzjonanti. Huwa sostna li qatt ma naqas milli jwettaq uħud mill-obbligi  kontrattwali tiegħu u lanqas qatt irċieva xi twissija dwar dawn l-allegati nuqqasijiet.

**Ir-raba' eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta** li hija l-mertu tas-sentenza tal-lum tgħid hekk –

*"…f'każ li l-azzjoni hi bbażata fuq l-artikolu 36(11) tal-Kap 452, li ssir referenza għalih fir-raba' (4) paragrafu tar-rikors promotur, l-esponenti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti mhix il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi l-kwistjoni stante illi l-imsemmi artikolu jaqa' taħt Titolu I tal-Kap 452 u artikolu 75 tal-istess Kap jipprovdi illi "Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali*

*jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi – (b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,";*

Huwa paċifiku li l-attur kien impjegat mas-soċjeta' attriċi b'**kuntratt ta' xogħol għal żmien definit** għall-perjodu mill-5 ta' Marzu 2018 sal-aħħar ta' Marzu 2021.

Il-bażi tal-azzjoni tiegħu fir-rikors promotur hija li huwa tkeċċa mill-impjieg tiegħu minn mas-soċjeta' konvenuta kawża tal-aġir abbużiv u llegali tagħha u kwindi hi għandha ġġorr ir-responsabilta' konsegwenzjali fosthom billi tħallsu nofs il-paga li kien ikun intitolat għaliha li kieku ma ġiex allegatament imġiegħel jirriżenja mill-impjieg skont l-artikolu 36(11) tal-Kap 452 li d-diċitura tiegħu fl-epoka li ġew intavolati l-proċeduri quddiem din il-Qorti kienet hekk[4] –

*"Prinċipal li jibgħat 'l barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem."*

L-argument tas-soċjeta' konvenuta fl-eċċezzjoni tagħha huwa li din il-Qorti fil-kompetenza ċivili tagħha m'għandhiex il-ġuridizzjoni li tisma' l-mertu tal-każ imressaq mill-attur stante li din hija materja li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-artikolu 75 (1) (b) tal-Kap 452 li, fl-epoka li ġiet intavolata r-risposta ġuramentata tal-konvenuta, kien jgħid hekk[5] –

*"Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi–*

[4] Qabel l-emendi li seħħew bl-Att Nru LVIII tal-2020
[5] Qabel l-emendi li seħħew bl-Att Nru LVIII tal-2020

*(……)*

*(b) Il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss illi l-ilment tiegħu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra".*

Fil-każ **Waldemar David Galea vs l-Università ta' Malta deċiż fil-25 ta' Jannar 2019** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat interpretazzjoni dettaljata ta' dan il-paragrafu tal-artiklu 75 tal-Att -

*"Paragrafu (b) ma jgħidx li t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni fil-każijiet kollha li jissemmew f'Titolu I, iżda biss "(b) il-każijiet kollha* ***li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali <u>bis-saħħa tat-Titolu I</u> ta' dan l-Att***[6] *jew ta' regolamenti preskritti taħtu".*

*Dwar din id-disposizzjoni il-qorti taqbel mar-ragunament tal-appellanti (ara pagni 7-9 tar-rikors tal-appell). F'Titolu I tal-Kap. 452 jissemmew espressament il-każijiet fejn wieħed għandu jfittex rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali (ara artikolu 30 tal-Kap.452).* ***<u>Fir-rigward ta' każijiet oħra, inkluż dawk li jissemmew f'artikolu 36(11) u (14) it-Tribunal Industrijali ma jissemmiex</u>***[7]*. Fit-Titolu I huma identifikati każijiet fejn l-ilment għandu jsir quddiem it-Tribunal Industrijali, u l-qorti tifhem paragrafu (b) tal-artikolu 75(1) fis-sens li qiegħed jirreferi għal dawk il-każijiet biss u mhux għal kull każ li jista' jinqala' fejn tapplika xi disposizzjoni taħt Titolu I tal-Kap. 452. Il-qorti hekk biss tista' tifhem il-kliem 'li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I.*

*Il-qorti żżid li jekk il-leġislatur kellu l-intenzjoni li kull każ li jaqa' taħt Titolu I tal-Att ikun fil-ġurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali, il-qorti tifhem li f'paragrafu (b) tal-artikolu 75 kien jingħad espressament li t-Tribunal Industrijali għandu l-kompetenza esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha li jaqgħu taħt Titolu I tal-Att, u mhux il-każijiet li "jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I."*

[6] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti tal-Appell
[7] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi ta' din il-Qorti

*Hu minnu li l-artikolu 75(1) ikompli li r-rimedju għall-impjegat imkeċċi jew "li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att" hu biss quddiem it-Tribunal Industrijali. Pero' dawk il-kliem iridu jigu applikati b'mod li ma jġibux fix-xejn paragrafu (b) tal-istess disposizzjoni."*

Imbagħad fil-każ **Karmenu Vella vs General Wokers Union deċiż fil-11 ta' Novembru 2011** fejn kienet tqajmet eċċezzjoni simili għal dik tal-lum ingħad hekk –

*"Rat ir-risposta ġuramentata tal-għaqda konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:*

*"1. Preliminarjament il-union intimata teċċepixxi n-nuqqas ta` ġurisdizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti f`din l-istanza in kwantu l-pretensjonijiet dedotti mir-rikorrent huma fost dawk previsti f'Titolu I tal-Kap.452 tal-Liġijiet ta` Malta u b'hekk huwa t-Tribunal Industrijali li hu vestit bil-ġurisdizzjoni esklussiva sabiex jismagħhom u jddeċiedihom ai termini ta' l-Artikolu 75(1)(b) ta' l-istess Kap;*

*(.....)*

*Rat is-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru 2010, li in forza tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-għaqda konvenuta u ddikjarat li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża; l-ispejjeż relattivi jitħallsu mill-ghaqda konvenuta;*

*Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"Taħt l-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap.266 tal-Liġijiet ta` Malta), il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kienet regolata bl-Art.28(1) li kien jaqra hekk –*

*"Minkejja kull ma jinsab f`kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu ġurisdizzjoni eskluživa li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi ..."*

*"Meta sar l-Att XXIII tal-2000 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452 tal-Liġijiet ta` Malta) li ħa post il-Kap.266, id-disposizzjoni li tistabilixxi l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali saret l-Art.75. Minn eżami ta` dan l-artikolu, huwa evidenti li minn naħa waħda baqgħet il-ġurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali fi kwistjonijiet kollha ta' tkeċċija allegatament*

*nġusta mill-impjieg, u prattikament inżammet l-istess diċitura [ara s-subparagrafu (a) tas-subinċiż (1) tal-Art.75] fl-istess waqt il-ġurisdizzjoni esklusiva twessgħet aktar sabiex tkopri dak kontemplat bis-subparagrafu (b) tas-subinċiż (1) tal-istess artikolu.*

*"Is-subparagrafu (b) jaqra hekk :*

*"il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skond it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra ..." (sottolinear ta` din il-Qorti)*

*"Issa fl-eċċezzjoni preliminari tagħha, il-konvenuta tgħid li din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża in kwantu l-pretensjonijiet tal-attur kif dedotti jaqgħu taħt it-Titolu I tal-Kap.452 fejn allura t-Tribunal Industrijali huwa vestit b`ġurisdizzjoni esklusiva skond l-Art.75(1)(b).*

*"Din il-Qorti tgħid li s-subparagrafu (b) tas-subinċiż (1) ta` l-Art.75 jirreferi għal dawk il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' l-Att. Issa t-Titolu I tal-Kap.452 imsejjaħ "Relazzjonijiet dwar l-Impiegi" jikkomprendi tmienja u erbghin (48) artikoli mifruxa fuq seba` (7) taqsimiet :*

*"Taqsima I: Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi*

*"Taqsima II : Kondizzjonijiet magħrufa ta' Impieg*

*"Taqsima III : Protezzjoni tal-Pagi*

*"Taqsima IV : Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata ma` l-Impieg*

*"Taqsima V : Temm ta' Kuntratti ta` Servizz*

*"Taqsima VI : Infurzar u Ksur rigward Impiegi*

*"Taqsima VII : Amministrazzjoni li għandha x'taqsam ma' Impiegi*

*"Kif diġa` kellha okkażjoni din il-Qorti kif presjeduta tesprimi ruħha fis-sentenza in parte li tat fil-31 ta' Mejju 2010 fil-kawża "Grima vs M H Malta Limited", mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali. Wieħed jasal għall-konferma ta` dan minn esami tas-seba'*

*taqsimiet tat-Titolu I. Propju għaliex fejn il-liġi riedet fit-Titolu I tirreferi għat-Tribunal Industrijali dan għamiltu ċar u tond. Per eżempju, fil-każ tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidħol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni, kif tgħid il-liġi stess.*

*"Għandu jinghad li l-ġurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali ġiet konferita bil-Kap.452 tal-Liġijiet ta' Malta b'deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ordinarji. Għalhekk, salv fil-każijiet indikati fil-liġi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistgħux jiġu interpretati b' mod wiesgħa tant li jiġu estiżi sabiex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma ndikax fil-liġi għax ma riedx li dawn jidħlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem ieħor, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-liġi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu.*

*(.......)*

*"Kif diġa` rrilevat qabel, din il-Qorti tgħid li din id-disposizzjoni inkitbet b'dak il-mod, mhux b`kumbinazzjoni, iżda għal għan speċifiku u ċioe` sabiex tagħti ġurisdizzjoni esklusiva lit-Tribunal Industrijali f`dawk il-każi li jagħmlu parti mit-Titolu I jew ir-regolamenti preskritti taħtu u li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Kif diġa` rajna, fejn fit-Titolu I, il-liġi riedet li jidħol it-Tribunal Industrijali, hekk qalet speċifikament. Li kieku l-leġislatur ried tassew li l-każijiet kollha li jirrigwardaw kull wieħed mit-tmienja u erbgħin (48) artikoli li jagħmlu t-Titolu I jiġi kunsidrat u deċiż b`mod esklużiv mit-Tribunal Industrijali, kien jirreferi mill-ewwel u biss għad-disposizzjonijiet tat- Titolu I (inkluz ir-regolamenti) u mhux jispeċifika il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I jew ta` regolamenti preskritti."*

Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell intavolat mis-sentenza tal-ewwel istanza fil-każ imsemmi l-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar l-artiklu 75 tal-Att –

*"Minn qari ta' dan l-artikolu hu ċar li, kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-għaqda konvenuta, il-liġi ma tagħtix ġurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex din tiddeċiedi fuq kull materja inkorporata fit-Titolu I tal-Att. Il-liġi tagħti din il-ġurisdizzjoni esklussiva fil-każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I. Fi kliem ieħor, fejn it-Titolu I jikonferixxi ġurisdizzjoni lit-Tribunal, dik il-ġurisdizzjoni hi esklussiva. Kieku l-*

*ħsieb kien mod ieħor, il-liġi kienet sempliċiment tgħid li kull kwistjoni dwar xi ħaġa imsemmija fit-Titoli I tal-Att, tista' tiġi mistħarrġa biss mit-Tribunal Industrijali. Il-liġi, pero`, ma tgħidx dan. Tgħid, minflok, li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hi radikata biss fil-każijiet fejn hu allegat li saret tkeċċija inġusta (Artikolu 75(1)(a)) u fil-każijiet fejn it-Titolu I jagħti ġurisdizzjoni lit-Tribunal. Kieku kellu jkun mod ieħor, anke dan is-subartikolu (1)(a) kien ikun superfluwu. Din id-diċitura hi ripetuta fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 75 li jiddisponi li –*

*"(2) Meta jiġi allegat li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minn prinċipal, jew fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li joriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt taħtu, il-każ għandu jintbagħat lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu fuq talba bil-miktub għal hekk magħmula mill-ħaddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna oħra f'isem u għal dak il-ħaddiem."*

*Kwindi, kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Din il-Qorti tagħmel riferenza għall-kawża* **Caruana v. Inguanez**, *minnha deċiża fit-8 ta' Jannar, 2010 li kienet titratta l-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji f'każ ta' condominium, fid-dawl tal-eċċezzjoni li l-materja kellha tittieħed quddiem arbitru. L-artikolu rilevanti tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid li "Kull tilwima li tirrigwarda condominium u li skont l-att dwar il-condominium (kap. 398) għandha tiġi sottomessa għall-arbitraġġ", taqa' biex tkun ikkonsidrata minn arbitraġġ skont il-liġi.*

*Din il-Qorti osservat hekk dwar it-tifsira ta' dan il-provvediment:*

*"L-att dwar il-Condominia jirregola, veru, kull blokk ta' bini li jaqa' fid-definizzjoni ta' condominium skont l-istess att, pero` ma jassoġġettax kull kwistjoni li tolqot il-condominium ghall-arbitragg. L-att innifsu għandu diversi artikoli li jipprovdu li, f'każ ta' tilwima fuq il-materja diskussa f'dak l-artikolu, il-kwistjoni trid titressaq quddiem arbitru. Hekk insibu din ir-riferenza fl-Artikolu 8(7), 11(5), 14(8), 15(3)(4), 19(3), 20, 23(1), 24(7) u 25; iżda din ir-riferenza għall-arbitraġġ ma saritx b'mod ġenerali u ma hemmx inkluża tilwima dwar qsim tal-arja tal-blokk, kif inhu l-meritu ta' din il-kawża. Issa, l-provvediment tal-Att dwar l-Arbitraġġ, li jimponi arbitraġġ mandatorju, jgħid li dan hu hekk biss fejn l-Att dwar il-Condominia hekk jordna.*

*L-istess raġunament għandu japplika f'dan il-każ, għax anke hawn il-liġi ma assoġġettatx kull kwistjoni li tolqot il-kondizzjonijiet tal-Impieg għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali; huma biss dawk il-każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal bis-saħħa tat-Titolu I li jaqgħu li jkunu mistħarrġa esklussivament mit-Tribunal Industrijali.*

*Hekk insibu li l-Artikoli 30(1) tal-Att jipprovdi li:*

*"30. (1) Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa."*

*Dan ifisser li l-materji li jaqgħu taħt il-provvedimenti tal-Artikoli 26, 27, 28 jew 29 tal-Att, bis-saħħa tal-Artikolu 75(1), jaqgħu li jkunu kkunsidrati esklussivament mit-Tribunal Industrijali, iżda mhux hekk jista' jingħad għall-materji oħra fejn il-liġi ma tipprovdix similment. Dan l-Artikolu 30 jagħti affidament lill-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Qorti, li magħha din il-Qorti taqbel, għax li kieku kull materja milquta mit-Titolu I taqa' li tkun ikkunsidrata b'mod esklussiv mit-Tribunal, ma jkunx hemm bżonn li din il-ġurisdizzjoni tiġi ripetuta għall-fini tal-artikoli msemmija fl-Artikolu 30.*

*Issa, t-talbiet tal-attur f'din il-kawża ma humiex marbuta ma' xi artikolu tal-liġi li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali skont it-Titolu I. It-talbiet jirreferu għall-ħlas ta' paga skont il-kuntratt ta' impieg tal-attur, u ħlas għall-vacation leave. Il-materji jidħlu li jkunu kkonsidrati fil-kuntest ta' Titolu I (Relazzjonijiet dwar l-Impiegi), pero`, minn imkien f'dan it-Titolu ma tissoġġetta din il-kwistjoni biex tigi kkonsidrata b'mod esklussiv mit-Tribunal. Dan it-Tribunal huwa bord b'ġurisdizzjoni speċjali u ma għandux jingħata setgħa li ma ġiex espressament konferit lilu bis-saħħa tal-liġi. It-Titolu I ma jagħtix "saħħa" lit-Tribunal Industrijali għall-materji kollha regolati b'dak l-istess Titolu, u fejn allura ma hemmx din l-attribuzzjoni, il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-qrati mhix eskluża.*

*(......)*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-General Workers Union billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kollha mill-għaqda konvenuta appellanti.*

*L-atti qed jiġu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-każ skont il-liġi."*

Fil-każ **Joseph Avellino vs Citadel Insurance plc deċiż fit-12 ta' Lulju 2019** il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet laqgħet eċċezzjoni simili għal dik fil-każ odjern u kienet qalet hekk –

*"Jibda billi jigi osservat li, l-kuntratt ta' xogħol in kwistjoni huwa wieħed għal terminu ta' żmien fiss. Filwaqt li l-attur appellant isejjes l-azzjoni tiegħu fuq Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 u jargumenta li t-terminazzjoni tal-impjieg b'terminu ta' ngaġġ fiss, iwassal għall-obbligu tas-soċjeta` appellata li tagħmel il-ħlas kontemplat fl-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452; min-naħa tagħha s-soċjeta` konvenuta appellata tinsisti li dan l-obbligu ma jibqax fis-seħħ jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-tkeċċija (Artikolu 36(14)). Kwindi ladarba sabiex tiġi nvestita t-talba tal-attur appellant, is-soċjeta` konvenuta appellata tisħaq li jeħtieġ isir stħarriġ dwar jekk it-tkeċċija kenitx waħda ġusta jew le, meta dan, issostni huwa mertu li jispetta lit-Tribunal Industrijali li jinvesti, peress li għandu l-kompetenza esklussiva f'dan il-qasam u dan a tenur tal-Artikolu 75 tal-Kap.452.*

*It-terminazzjoni ta' mpjieg qabel il-waqt ta' kuntratt fiss hu regolat mill-artikolu 36 tal-Kap 452, li fis-subartikoli (11) u (14) jipprovdu hekk: "(11) Prinċipal li jibgħat 'l barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, **ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem**.*

...

*(14) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, **mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12)** jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:"*

*Min-naha l-oħra l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta` konvenuta appellata tissejjes fuq l-Artikolu 75 tal-Kap. 452 li jipprovdi:*

*"(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*

*(a)* ***il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;***

*u*

*(b) il-każijiet kollha li* ***jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu****,*

*"għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju meta ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra.*

*Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-soċjeta` konvenuta appellata, in kwantu għalkemm hija torbot l-azzjoni attriċi mal-esklussività tal-kompetenza tat-Tribunal Industrijali li jisma' każijiet ta' tkeċċija nġusta, kif jingħad fl-Artikolu 75 tal-Kap. 452, hija donnha twarrab il-fatt li l-istess Kap. 452 jagħti definizzjoni ta' tkeċċija nġusta. Dan kuntrarjament għal dak li jingħad mis-soċjeta` konvenuta appellata u mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jagħmel distinzjoni bejn kuntratt t'impieg għal terminu ta' żmien fiss u wieħed għal żmien indefinit. Tant hu hekk li fl-istess tifsira ta' "tkeċċija inġusta" jingħad:*

*"tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser –*

*(a)* ***it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit*** *(barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont iddispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l- Att, jew*

*(b) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew*

*(ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu;"*

*Kwindi ladarba kuntratt ta' impieg ghal terminu ta' zmien fiss ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' tkeċċija nġusta li hemm fil-Kap. 452, huwa ritenut li l-Artikolu 75(1)(a) ma japplikax għall-kuntratti ta' żmien fiss. Mill-provi in atti lanqas jirriżulta li l-każ in eżami jaqa' taħt il-każijiet li jissemmew taħt il-paragrafi (b) u (c) tal-istess tifsira. Relevanti f'dan is-sens hija s-sentenza reċenti ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-25 ta' Jannar 2019, fil-kawza fl-ismijiet* ***Waldemar David Galea vs L-Universita' ta' Malta,*** *fejn filwaqt li dik il-Qorti waslet għall-istess konkluzjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 75(1)(a) tal-Kap.452, l-istess Qorti eżaminat ukoll l-interpretazzjoni wara l-Artikolu 75(1)(b) tal-istess Kap. 452 u dan fid-dawl tas-sentenza ċitata kemm mill-ewwel Qorti, kif ukoll miż-żewġ kontendenti f'din il-kawża, ta'* ***Rita Nehls v. Sterling Travel and Tourism Limited*** *.....*

*(....)*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 75(1)(b) tal-Kap. 452, liema interpretazzjoni tinsab assodata wkoll fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Novembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet* ***Karmenu Vella v. General Workers' Union,*** *fejn ingħad ukoll li kieku kellha tingħata nterpretazzjoni mod ieħor, anke s-subartikolu (1)(a) talArtikolu 75 kien ikun superfluwu u kwindi mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I, jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Kif ġustament josserva l-attur appellant fir-rikors tal-appell tieghu, ladarba l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa ta' dawn il-Qrati, l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali mnissla mill-provvedimenti ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti li huma maħsuba f'dik il-liġi speċjali. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***Mary Doris Camilleri vs St. Paul's Court Ltd et****).*

*Hekk ukoll kif ritenut drabi oħra mill-qrati tagħna, s-setgħa tal-Qorti hekk imsejħa "ordinarja", li tisma' kawża mressqa quddiemha tibqa' sakemm ma jirriżultax li dik is-setgħa ġiet imneħħija b'mod espress permezz ta' provvediment tal-liġi. Eżempju ċar huma r-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss (L.S.452.81), li jipprovdu speċifikatament li l-ilmenti għal dawk il-każijiet fejn il-prinċipal ikun kiser id-dritt mogħti lilu b'dawk ir-regolamenti (bħal per eżempju l-prinċipju ġenerali ta' non-diskriminazzjoni taħt*

*ir-regolament numru 4), għandhom jitressqu quddiem it-Tribunal Industrijali (regolament 8). Kwindi għalkemm dawk ir-regolamenti dwar kuntratti ta' servizz għal terminu fiss, daħlu fis-seħħ wara s-sena 2007, lanqas jipprovdu għall-kompetenza tat-Tribunal Industrijali fil-każ partikolari ta' tkeċċija minn impieg fiss jew għat-talba għall-ħlas ikkontemplat fl-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452.*

*Isegwi li l-attur appellant għandu raġun fl-aggravju tiegħu u ssib li l-ewwel Qorti żbaljat fl-interpretazzjoni tagħha u fl-applikazzjoni tal-liġi. Għalhekk din il-Qorti għar-raġunijiet hawn appena spjegati, ma taqbilx mal-asserzjoni tas-soċjeta` appellata, in kwantu minn qari tal-provvedimenti tal-Kap. 452, l-każijiet ta' tkeċċija nġusta f'kuntratt għal terminu ta' żmien fiss, ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Kif lanqas ma jirriżulta li jaqgħu azzjonijiet taħt l-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 jew stħarriġ ta' raġuni tajba u biżżejjed li jeżenta lill-prinċipal mill-obbligu tal-ħlas maħsub taħt l-Artikolu 36(14) tal-Kap. 452. Kwindi din il-Qorti ser tirrimanda l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigħ tal-provi tal-kawża, u tistħarreġ il-pretensjonijiet tal-attur, fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cioe jekk kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed li jeżentawha milli twettaq il-ħlas pretiż mill-attur.*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet kollha, filwaqt li tilqa' l-appell tal-attur Joseph Avellino, u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Ġunju, 2014, fl-ismijiet premessi, minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta Citadel Insurance plc dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ratione materiae tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili milli tkompli tisma' dan il-każ.*

*Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti."*

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza estensiva, li l-insenjamenti tagħha l-Qorti sejra tabbraċċja u tagħmel tagħha, mhemmx dubju li l-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta fil-każ odjern hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Huwa evidenti li fir-rigward tal-artikolu 75 (1) (b) tal-Att, mid-diċitura kif espressa, l-leġislatur ma kellux l-intenzjoni li jassoġġetta għall-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal kull każ li jista' jinqala' taħt kwalunkwe disposizzjoni taħt Titolu I tal-Kap. 452. Li kieku dik kienet l-intenzjoni allura l-leġislatur kien sempliċiment jiddikjara tali, *ubi lex volut dixit*. It-Tribunal skont dan l-artikolu

għandu ġurisdizzjoni biss fir-rigward ta' każijiet "*li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I*" u kwindi dawk id-dispożizzjonijiet fit-Titolu 1 li speċifikatament jindikaw li lmenti jew kwistjonijiet marbuta magħhom għandhom jiġu ventilati esklussivament quddiem it-Tribunal Industrijali.

B'referenza għall-każ tal-lum, filwaqt li l-artiklu 36 (11) tal-Kap 452 jifforma parti mit-Titolu I tal-Att (Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi), imkien f'dan it-Titolu ma hu ndikat li materji marbuta miegħu għandhom ikunu suġġetti għal kunsiderazzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, kif fil-fatt ġara fil-każ ta' artikli oħra fl-istess Titolu.

Għalhekk tqies li hija din il-Qorti tqis li għandha l-ġurisdizzjoni meħtieġa sabiex tkompli tisma l-każ odjern.

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall- Att Nru LVIII tal-2020 li ntroduċa diversi emendi fosthom dawk fir-rigward tal-artikolu 36(11) u l-artiklu 75 tal-Att.

Hekk, l-artikolu 36 ġie sostitwit b'dan li ġej –

*"Prinċipal li jittermina kuntratt ta' impjieg ta' impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.";*

Filwaqt li l-artikolu 75 ġie jaqra hekk –

*"Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*

*(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;*

*(b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u*

*(ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra."*

Madankollu għall-fini tal-każ odjern dawn l-emendi ma jbiddlu xejn mill-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti dwar l-eċċezzjoni in eżami fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata.

Fl-ewwel lok dan l-Att ġie ppublikat fil-11 ta' Diċembru 2020. L-azzjoni attriċi ġiet intavolata fil-21 ta' Mejju 2020 u kwindi **qabel** ma daħal fis-seħħ l-Att imsemmi.

Inoltre, u fi kwalunkwe każ skont id-dispożizzjoni transitorja fl-istess Att, każijiet li nkunu nbdew quddiem il-Qrati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att imsemmi għandhom jibqgħu jiġu trattati u deċiżi minnhom -

*"5.(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għandhom japplikaw għal kull proċedura li għandha x'taqsam mat-terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss li huma pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti tal-Maġistrati(Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri) u t-Tribunal Industrijali u liema każi kienu għadhom pendenti meta jidħol fis-seħħ dan l-Att u li ma sarux res judicata.*

*(2) Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri), minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jibqgħu kompetenti li jittrattaw dawk il-każijiet ta' terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss illi kienu qegħdin jinstemgħu quddiemhom <u>qabel</u> ma daħal fis-seħħ dan l-Att inklużi dawk li ġew trasferiti għall-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri) mit-Tribunal Industrijali qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Att. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri) għandhom jibqgħu jieħdu konjizzjoni tat-tali każijiet sakemm dawn jiġu deċiżi definittivament minn dik il-qorti.*

*(3) It-Tribunal Industrijali, minkejja kull talba li għandha x'taqsam dwar nuqqas ta' ġuriżdizzjoni mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jkun kompetenti li jittratta dawk il-każijiet ta' terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta'żmien fiss wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att."*

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad ir-raba' eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta dwar il-ġurisdizzjoni bl-ispejjeż kontra tagħha u tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**